# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 18**

**Ċitazzjoni numru 1654/97/2 AE**

**Francis Busuttil & Sons Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fis-16 ta' Lulju, 1997, li permezz tagħha ngħad is-segwenti:

> "Premess illi s-soċjeta` Francis Busuttil & Sons Ltd jimportaw f' Malta diversi prodotti tal-ikel;
>
> U billi s-soċjeta` attriċi, f' Mejju tal-1996 importat f' Malta żewġ "containers" ta' ġelati kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok A;

U billi impjegat tas-soċjeta` attriċi ikkunsinna lill-Kontrollur tad-Dwana d-dokumenti kollha neċessarji għar-rilaxx tal-prodotti importati;

U billi f' dawn id-dokumenti ikkunsinjati lill-Kontrollur tad-Dwana il-prodotti importati ġew deskritti taħt il-Kodiċi HS2105.00.10.19 u cioe` "ice cream containing by weight of milkfats of 7% or more, of a weigh exceeding 150gm each";

U billi l-ġelati importati kienu f' konfezzjonijiet li jiżnu iktar minnn 150 gramma, kif ukolll f' konfezzjonijiet oħra li jiżnu inqas minn 150 gramma;

U billi l-klassifikazzjoni korretta tal-istess tip ta' ġelati f' konfezzjonijiet ta' inqas minn 150 gramma hi taħt HS2105.00.10.11;

U billi għalhekk meta kklassifika l-prodotti kollha taħt id-deskrizzjoni HS2105.11.10.19, l-impjegat tas-soċjeta` attriċi għamel żball;

U billi dan kien żball ġenwin, anke minħabba l-fatt li l-piżijiet relattivi tal-prodotti in kwistjoni ġew korrettement imniżżla fid-dokumenti kkunsinjati lill-Kontrollur tad-Dwana għar-rilaxx tal-prodotti importati;

U billi meta dan l-iżball ġie korrett irriżulta li s-soċjeta` attriċi kien għad fadlilha tħallas is-somma ta' Lm9,835.20 dovuti lill-Gvern ta' Malta bħala dazju fuq l-importazzjoni tal-prodotti importati kif klassifikati korrettement;

U billi s-soċjeta` attriċi ħallset minnufih din is-somma;

U billi minbarra d-dazju dovut il-Kontrollur tad-Dwana ippretenda li ma jirrilaxxjax il-prodotti importati sakemm is-soċjeta` attriċi ma tiddepożitax somma ulterjuri ta' disat elef, tmin mija u ħamsa u tletin Lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm9,835.20), liema somma ulterjuri kienet pretiża mill-Kontrollur tad-Dwana akkont ta' multa eventwali li huwa rriserva d-dritt li jimponi;

U billi s-soċjeta`attriċi ħallset din is-somma ulterjuri taħt protest, peress li fin-nuqqas tal-pagament mingħand is-soċjeta` attriċi il-Kontrollur tad-Dwana kien qiegħed jirrifjuta li jirrilaxxja l-prodotti importati lis-soċjeta` attriċi;

U billi sa llum il-Kontrollur tad-Dwana għadu la impona u lanqas ma stipula l-ammont tal-penali pretiża minnu;

U billi l-liġi tad-Dwana ma tagħti l-ebda jedd lill-Kontrollur tad-Dwana li jimponi multa minħabba l-fatti kif premessi u għaldaqstant is-somma mitluba minnu ma kintx dovuta mis-soċjeta` attriċi;

U billi s-soċjeta` attriċi interpellat lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jirrifondilha s-somma ta' Lm9,835.20, imħalla lilu taħt protest akkont ta' multa eventwali u fuq talba tiegħu;

U billi l-Kontrollur tad-Dwana qed jirrifjuta li jirrifondi din is-somma lis-soċjeta` attriċi;

U billi l-Kontrollur tad-Dwana ġie debitament notifikat bl-ittra uffiċjali fl-24 ta' Ġunju 1997 b'din il-kawża, u dan ai termini tal-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-iżball fil-klassifikazzjoni tal-prodott taħt il-Kodiċi HS, imwettaq mill-impjegat tas-soċjeta` attriċi, fiċ-ċirkostanzi hawn deskritti kien, fil-fatt, żball ġenwin.

2. Tiddikjara li l-aġir tas-soċjeta` attriċi ma jagħti lok għall-ebda impożizzjoni ta' multa minkejja l-pretenzjonijiet tal-konvenut.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jirrifondi lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' disat elef, tmin mija u ħamsa u tletin Lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm9,835.20) imħallsa lilu indebitament mis-soċjeta` attriċi kif premess.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju 1997, u bl-imgħax kummerċjali minn Mejju 1996 sad-data tal-pagament effettiv".

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana ppreżentata minnu fl-14 ta' Mejju, 1998, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi l-ewwel talba tas-soċjeta` attriċi hija irritwali u nulla stante li fl-ewwel lok il-qorti, segwendo l-prinċipju bażilari tas-separazzjoni tal-poteri fl-istat Malti, m'għandhiex ġurisdizzjoni li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita` amministrattiva kompetenti b'dik tagħha. L-Artikolu 469A tal-Kap 12 jagħti l-poter lill-qrati li jissindakaw il-validita` tal-egħmil amministrattiv u li jiddikjaraw, jekk ikun il-każ, tali egħmil "null, invalidu u mingħajr effett" iżda mhux li jieħdu l-vesti tal-amministraturi.

Illi fit-tieni lok għalkemm din il-qorti għandha l-poter li tissindika dan l-egħmil amministrattiv fil-parametri tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, l-istess subinċiż (3) ta' dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjoni biex jiġi impunjat l-egħmil trid issir f' sitt xhur minn meta l-persuna interessata issir taf jew setgħet tkun taf b' dan l-egħmil.

Billi s-soċjeta` attriċi qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-eċċipjent li talab il-ħlas (li hi sejħet bħala "penali") li sar fis-17 ta' Mejju 1996, l-azzjoni odjerna hija tardiva skont l-istess dispożizzjonijiet tal-Artikou 469A(3) u għalhekk inammissibbli. In oltre għall-eċċipjent ma kien hemm l-ebda

żball ġenwin min-naħa tas-soċjeta` attriċi iżda biss tentattiv maldestru biex ma jitħallsx dak li kien dovut lill-eċċipjent.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi li din il-Qorti tiddikjara li ma kien hemm lok għal ebda impożizzjoni ta' multa hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eċċipjent ma esiġa mingħand is-soċjeta` attriċi l-ebda ħlas (ta') multa.

L-Artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) jipprovdi li f' każ li uffiċjal tad-Dwana jsib oġġetti fi kwantita` aktar jew differenti minn dawk li jkunu dikjarati mill-importatur, dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew differenti **jiġu konfiskati**. F' każ ta' oġġetti ta' valur ta' iżjed minn Lm500 il-Ministru responsabbli għad-Dwana jiddisponi minnhom b'mod li jrid hu, mentri f' każ ta' valur inferjuri huwa l-eċċipjent li jiddisponi minnhom kif jista' jistabbilixxi.

Illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta` attriċi ddikjarat klassifikazzjoni ħażina ta' uħud mill-oġġetti kif ukoll instab li kien hemm kwantita` akbar ta' oġġetti minn dak li ġie dikjarat.

3. L-eċċipjent bl-awtorita` tal-Ministru responsabbli għad-Dwana, ippropona lis-soċjeta` attriċi li din setgħet teħles mill-konfiska tal-oġġetti jekk kienet lesta li tasal għal transazzjoni u cioe` li tħallas il-levy dovut, ammontanti għal Lm10,553 piu` l-ħlas addizzjonali ta' 75% tal-valur.

4. Is-soċjeta` attriċi aċċettat dan il-ftehim u b'hekk żdoganat l-oġġetti importati. Is-soċjeta` attriċi kienet libera li ma takkoljix din il-proposta u tikkontesta l-konfiska fis-sede opportuna. Dan m'għamlitux għaliex akkwijexxiet għall-kundizzjonijiet tal-eċċipjent.

Għalhekk huma bla bażi ġuridika l-pretenzjonijiet tas-soċjeta` billi ma sar l-ebda ħlas indebitu minnha lill-eċċipjenti. Hija konsapevolment akkwijexxiet għal din it-transazzjoni u għażlet li ma tikkontestax il-konfiska. Issa li minn rajha għażlet din it-triq ma tistax, skont id-dritt, tippretendi li tieħu lura dak li volontarjament aċċettat li tħallas biex tevita l-konfiska.

Dak li effettivament qed titlob is-soċjeta` attriċi hu li din il-Qorti xxejjen il-konsegwenzi kollha li ħolqot l-istess soċjeta` bl-aġir tagħha meta ttentat tevadi l-obbligi fiskali tagħha biex b'hekk tkun ħelset mill-konfiska kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-eċċipjent biex dik il-konfiska ma tavverax ruħha.

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Novembru, 2019, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tiċħad l-ewwel talba.

2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni.

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-meritu.

4. Tilqa' l-kumplament tat-talbiet attriċi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija u tletin ewro (€21,330) bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ġunju, 1997.

5. Spejjeż jinqasmu in kwantu għal 85% a karigu tal-konvenut u 15% a karigu tal-attriċi."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Provi (dokumenti):

7. Il-qorti tirreferi għal dawn id-dokumenti li huma ferm rilevanti għall-eżitu tal-kawża fil-meritu:-

14.05.1996 Ittra[1] (mhux iffirmata) mibgħuta mis-soċjeta` attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana fejn ġie spjegat hekk:

*"We refer to cheque numbers:*
*04757-44277-00271695225 amounting to Lm4,511.00.0*
*04759-44277-00271695225 amounting to Lm5,324.00.0*
*representing the post entry effected at our premises.*

*In addition, with the above please find also the two following cheques issued as possible fines:*

*04758-44277-00271695225 amounting to Lm4,511.00.0*
*04760-44277-00271695225 amounting to Lm5,324.00.0.*

*Please be advised that we shall be reclaiming the said amounts pertaining to the "possible fines" as we feel that in the circumstances of a genuine error having been committed in the entry documents, no such fine is due from us."*

15.05.1996 Ittra[2] mibgħuta mis-soċjeta` attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana fejn fiha spjega li bi żball iddikjarat ġelati taħt HS code flok ieħor:

---

[1] Fol 144.
[2] Fol 136.

"*Declared:*
*HS Code 2105.009919:* *Ice Cream of a weight exceeding 150gms*
*Levy:* *70c0 per kg*

*The mistake is obvious as the items indicate a unit net weight which is below 150gms as evidently demonstrated in the commercial invoices accompanying consignment. As a consequence, these items should have been declared under the following:*

*Should have been declared:*

*HS Code 2105.001011:* *Ice Cream of a weight of 150gms and under*
*Levy:* *70c0 per kg plus 3c0 per unit*

*Needless to say, that this is nothing but a genuine mistake as the commercial invoices are evidence enough of the unit weight and there is little one may do about written facts which are also declared by the suppliers themselves!"*

17.05.1996 Riċevuti maħruġa mid-Dwana:

Lm5,324 (riċevuta nru 027537)[3] - "levy";
Lm5,324 (riċevuta nru 027538)[4] - "pending possible fine"
Lm4,511 (riċevuta nru 027540)[5] - "levy";
Lm4,511 (riċevuta nru 027541)[6] - "pending possible fine".

01.08.1996 Ittra[7] mibgħuta mill-Kontrollur tad-Dwana lis-soċjeta` attriċi fejn infurmaha hekk:

*"Reference is made to the release of the consignments of two trailers containing ice-cream and edible ice covered by the above customs entries.*

*In the first instance, I would point out that the deposits raised at the time of release were in respect of the additional levy on ice cream only.*

*These products Mars, Snickers etc were declared and classified as being of weight exceeding 150grs and subject to levy of 70c per kilo. In fact these were all bars of a weight not exceeding 150grs and as such subject to levy of 70c per kilo (which was paid) and to 3c per unit which was not paid.*

*I would also point out that "Mini" packs are also subject to 3c per unit in each pack.*

*Hence the levy short paid is as hereunder:*

[3] Fol 18.
[4] Fol 19.
[5] Fol 16.
[6] Fol 15.
[7] Fol 134.

| | *DUE* | *PAID BY DEPOSIT* | *STILL DUE* |
|---|---|---|---|
| | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| *CE I 26992/13.05.96 185392 units @ 3c per unit* | *5562* | *5324* | *238* |
| *CE I 26996/13.05.96 166356 units @ 3c per unit* | *4991* | *4551*[8] | *440* [9] |
| TOTAL | 10553 | 9875[10] | 678[11] |

13.09.1996 Intbagħtet "registered reminder" tal-ittra tal-1 ta' Awwissu,1996

06.03.1997 <u>Ittra reġistrata</u>[12] mibgħuta mill-Kontrollur tad-Dwana lis-soċjeta` attriċi fejn infurmaha hekk:

> *"Please note that case may be settled against the payment of levy Lm10,553 due plus an additional 75% in terms of Section 61 of the Customs Ordinance.*
>
> *You are therefore requested to call on the undersigned producing the completed Customs Documents (Post Entry Claim attached) and Receipts Nos 027537/38/40/41 dated 17th May 1996 in order to settle the matter.*
>
> *Please call within fifteen (15) days from receipt of this letter, failing which deposits will be passed to revenue."*

18.03.1997 <u>Ittra</u>[13] mibgħuta mid-difensur tas-soċjeta` attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana b'referenza għall-ittra tas-06.03.1997 fejn talbu hekk:

> "*I would appreciate if you would retain this matter pending until we had the occasion to discuss it once again with a view to settling it definitively".*

22.05.1997 <u>Ittra</u>[14] mibgħuta mill-Kontrollur tad-Dwana lid-difensur tas-soċjeta` attriċi bi tweġiba għall-ittra tat-18.03.1997 fejn infurmah li:

> *"…one cannot change the fact that relative weights had been incorrectly declared which had it not been detected would haves resulted in loss of revenue.*

---

[8] jidher li dan hu **żball** – suppost jaqra 4511 mhux 4551.
[9] konsegwentement suppost jaqra 480 mhux 440.
[10] konsegwentement suppost jaqra 9835 mhux 9875.
[11] konsegwentement suppost jaqra 718 mhux 678.
[12] Fol 130.
[13] Fol 129.
[14] Fol 128.

*As such your clients are to settle outstanding claims as advised by our letter dated 6th March 1997 by the end of this month."*

13.06.1997 Prospett[15] (jidher li redatt mis-soċjeta` attriċi) minn fejn jirriżulta li l-ammont ta' Lm9835.20 li tħallas bħala l-ewwel depożitu huwa kompost minn:

(i) Lm4511.04 (rigwardanti levy addizzjonali li kellu jitħallas fuq ġelati li kienu fuq trailer 1) u

(ii) Lm5324.16 (rigwardanti levy addizzjonali li kellu jitħallas fuq ġelati li kienu fuq trailer 2).

Fir-rigward tal-ammont ta' Lm4511.04 dan huwa kompost minn Lm4,463.52 (id-diskrepanza riżultat ta' dikjarazzjoni ħażina ta' HS code) u Lm47.52 (id-diskrepanza fir-rigward ta' ġelati Mars (MINI) u ġelati Snickers (MINI) li ġew dikjarati bħala 72 u 60 units rispettivament, flok 864 (72 x12) u 720 (60 x 12) units rispettivament.

Fir-rigward tal-ammont ta' Lm5324.16 dan huwa kompost minn Lm5,302.56 (d-diskrepanza riżultat ta' dikjarazzjoni ħażina ta' HS code) u Lm21.60 (id-diskrepanza fir-rigward ta' ġelati Bounty (MINI) li ġew dikjarati bħala 60 units flok 720 (60 x 12).

(Id-dokumenti MG3 u MG4 u l-"workings" li jidhru fuqhom fil-fatt jikkonfermaw li l-ammonti ta' Lm4511.04 u Lm5,324.16 (total Lm9,835.20) jirrigwardaw il-levy addizzjonali li kellu jitħallas riżultat ta' HS code ħażina u numru skorrett ta' units ta' ġelati MINI.

19.06.1997 Ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta` attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana fejn interpellatu biex fi żmien għaxart ijiem jirrifondi s-somma ta' Lm9835.20 "ammont pretiż minnek bħala penali u imħallas lilek indebitament" fis-17 ta' Mejju 1996, bl-imgħax kummerċjali.

Provi (Xiehda):

8. Mario Gatt, (kien direttur jaħdem mad-Dwana) fl-affidavit[16] spjega li fl-14 ta' Mejju 1996 kienu fil-proċess li jkunu rilaxxati żewġ trailers importati mis-soċjeta` attriċi bin-numru AA11362 u CE7184 u dikjarati fuq ir-release orders CE I 26992/13.05.96 (Dok MG1) u CE I 26996/13.05.96 (Dok MG2) rispettivament. Qal li l-uffiċjali tad-Dwana Emanuel Borg u Ignatius Azzopardi irrapurtaw li fost il-prodotti importati kien hemm ġelati li minkejja li ġew dikjarati bħala li jiżnu iktar minn 150 gramma, kienu fil-fatt jiżnu inqas minn 150 gramma, u dan kif jirriżulta mill-invoice 44805 (Dok MG3)[17] u l-invoice 44804 (Dok MG4)[18]. Enfasizza li:

---

[15] Fol 6-7.
[16] Affidavit ta' Mario Gatt, maħluf 30.11.200, fol 50.
[17] Dok MG3, fol 56-57.
[18] Dok MG4, fol 58-59.

> *"Minħabba dan l-iżball fid-dikjarazzjoni l-importatur ħallas Lm9,835 levy inqas fuq dawn il-kunsenji."*

9. Spjega li biex dawn il-ġelati setgħu jiġu rilaxxati, is-soċjeta` attriċi (importatriċi) aċċettat li tagħmel (i) depożitu ta' Lm9,835 għal-levy dovut u (ii) depożitu ieħor ta' ammont ekwivalenti ta' Lm9,835 biex jagħmel tajjeb għal xi deċiżjoni li d-Dipartiment jieħu skont Sezzjoni 61 tal-Ordinanza tad-Dwana minħabba dik id-dikjarazzjoni żbaljata.

10. Xehed ukoll li barra d-diskrepanza fl-imsemmija dikjarazzjoni (li tammonta għal Lm9,835 f' levy addizzjonali) irriżulta wkoll li s-soċjeta` attriċi kienet iddikjarat 2,304 units ta' ġelati, u cioe`:

> 60 kartuna ta' 12-il ġelat Mini Bounty,
> 60 kartuna ta' 12-il ġelat Mini Snickers u
> 72 kartuna ta' 12-il ġelat Mini Mars
>
> li pero` kienu fil-fatt jikkonsistu f' 26,208 units ta' ġelati, u cioe`:
>
> 60 kartuna ta' 12-il pakkett ta' 12-il ġelat Mini Bounty,
> 60 kartuna ta' 12-il pakkett ta' 10 ġelati Mini Snickers u
> 72 kartuna ta' 12-il pakkett ta' 12-il ġelat Mini Mars.

F' dan ir-rigward qal li:

> "*Il-levy li ma tħallsitx fuq dawn it-tliet prodotti kienet tlaħħaq Lm678"* [19].

11. Kompla jgħid li d-Dipartiment, wara li ra l-ispjegazzjoni tas-soċjeta` attriċi, ikkunsidra li kieku l-uffiċjali tad-Dwana ma ndunawx b'dawk l-iżbalji, li setgħu kienu ta' dannu sostanzjali lill-Gvern, u billi din kienet it-tieni darba[20] li s-soċjeta` attriċi għamlet dikjarazzjoni ħażina, iddeċieda li kellha tħallas mhux biss Lm10,513 (Lm9,835 + Lm678) iżda wkoll somma addizzjonali ekwivalenti għal 75% tal-ammont dovut. Spjega li s-soċjeta` attriċi ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni tad-Dipartiment permezz ta' ittra datata 6 ta' Marzu 1997.

12. Alan Mamo (Director Compliance & Systems fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana) fix-xiehda tiegħu tal-15 ta' April 2019[21] xehed li l-commodity code (żbaljata) dikjarata mis-soċjeta` attriċi kienet tfisser 3 ċenteżmi fuq kull individual pack ta' ġelat. Ikkonferma li s-soċjeta` attriċi kienet second time offender u kien għalhekk li kellha tiġi applikata l-multa ta' 75%.

---

[19] Dan jidher li huwa żball peress li .03c fuq 23,904 units (26,208 – 2,304) iwassal għal Lm717.12 u mhux Lm678.
[20] Xehed li l-każ preċedenti kien jirrigwarda dikjarazzjoni ħażina fuq D.E. 470431/09.03.95 fir-rigward ta' importazzjoni ta' għamara.
[21] Fol 118-120.

13. F' xiehda sussegwenti fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2019[22] spjega li fejn ikun hemm kaxxi bil-ġelati fiha, il-levy tkun ikkalkulat fuq kull ġelat.

14. Simon Desira (li fl-1996 kien impjegat mas-soċjeta` attriċi bħala assistant tal-Commercial Manager) fix-xiehda tiegħu tal-15 ta' April 2019[23] xehed li d-dikjarazzjonijiet tad-Dwana kien jimlihom ħaddieħor. Ikkonferma li kienu daħħlu l-ġelati in kwistjoni f' kategorija żbaljata (cioe` f'dik ta' iżjed minn 150 gramma flok f'dik ta' inqas minn 150 gramma). Sostna li kien żball ġenwin.

Konsiderazzjonijiet.

15. L-ewwel eċċezzjoni ser tintlaqa' għaliex kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem, hi d-diskrezzjoni tal-konvenut li jiddeċiedi jekk hemmx żball ġenwin. Eventwalment il-materja trid tiġi kkunsidrata u deċiża fil-proċeduri li jistgħu jittieħdu kontra l-importatur.

16. It-tieni eċċezzjoni ser tiġi miċħuda. Mario Gatt, uffiċjal tad-dipartiment, fl-affidavit qal li eventwalment il-konvenut iddeċieda li flimkien mas-somma ta' Lm10553, l-attriċi kellha tħallas 75% addizzjonali ta' dik is-somma. Kompla li fil-bidu ta' Marzu, 1997 l-attriċi kienet infurmata mid-Dipartiment li l-levy dovuta kienet Lm10553 u kellha tħallas ukoll somma addizzjonali ekwivalenti għal 75%, peress li kieku uffiċjali tad-Dipartiment ma ndunawx bl-iżball il-Gvern kien isofri dannu sostanzjali. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-ittra datat 6 ta' Marzu, 1997 li hu l-avvż li ntbagħat lill-attriċi, kif ukoll id-dokument datat 27 ta' Jannar 1997 a fol. 132. Hu ovvju li l-perjodu ta' sitt xhur kontemplat fl-artikolu 469 tal- Kodiċi Ċivili, beda jiddekorri minn meta l-attriċi kienet notifikata bid-deċiżjoni li kien ħa l-konvenut. L-attriċi ippreżentat il-kawża fis-16 ta' Lulju, 1997[24] meta kienu għadhom m'għaddewx is-sitt xhur.

17. Mis-suespost jirriżulta li fir-rigward tal-merkanzija importata mis-soċjeta` attriċi tramite iż-żewġ containers bin-numri AA11362 u CE7184 kien hemm tliet tipi ta' dikjarazzjonijiet skorretti fuq il-fatturi relattivi:

(i) il-ġelati li jiżnu inqas minn 150 gramma ġew ikklassifikati bħala ġelati li jiżnu iktar minn 150 gramma;

(ii) il-ġelati "mini" ġew dikjarati bħala 192 units (kaxxa) mhux 2304 units (pakkett)

Dawn iż-żewġ diskrepanzi flimkien jissarrafu f'Lm9,835 levy inqas. Proprju għaliex l-uffiċċjali tad-Dwana indunaw bid-diskrepanzi, il-ġelati ma ngħatawx lill-attriċi sakemm għamlet:

[22] Fol 172-173.
[23] Fol 120-122.
[24] Fol. 130.

(a) depożitu fl-ammont ta' Lm9,835 (valur tal-levy addizzjonali dovuta) u

(b) depożitu ieħor fl-istess ammont ta' Lm9,835 (biex ikopri kwalsiasi multa li tiġi imposta).

(iii) il-ġelati "mini" li ġew dikjarati bħala 192 units (kaxxi) fil-fatt kellhom jiġu dikjarati individwalment (26,208) u mhux kull pakkett (2,304).

Dik id-diskepanza (bejn 2,304 unit u 26,208 unit) tissarraf f' Lm718 levy inqas. Jidher li din id-diskrepanza fil-fatt ġiet innutata wara li saru ż-żewġ d-depożiti imsemmija.

18. Fis-6 ta' Marzu 1997 il-Kontrollur tad-Dwana informa lis-soċjeta` attriċi li kienet debitriċi fil-konfront tiegħu fl-ammont ta' Lm10,553[25] (levy dovuta minnha) u 75% multa - cioe` Lm7,914.75 (total ta' Lm18,467.75), u talabha biex fi żmien ħmistax-il ġurnata tgħaddi id-Dwana u tieħu magħha d-dokumenti relattivi (inkluż ir-riċevuti tad-depożiti li għamlet) sabiex il-kwistjoni tkun tista' tingħalaq.

19. (Peress li s-soċjeta` attriċi għamlet depożiti fl-ammont ta' Lm19,670 (Lm9,835 + Lm9,835) jiġi li fil-fatt ħallset Lm1,202.25 iżjed minn dak mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana).

20. Is-soċjeta` attriċi qegħda ssostni li d-diskrepanza fil-klassifikazzjoni li għamlet fid-dokumenti għar-rilaxx tal-merkanzija, kienet riżultat ta' "żball ġenwin" u għalhekk ma jidhrilhiex li għandha tħallas multa. Issostni għalhekk li d-depożitu ulterjuri ta' Lm9,835 li għamlet għall-finijiet ta' "*Pending Possible fine*" għandha tingħata lura lilha, u għalhekk għamlet din il-kawża. (Jiġi osservat li l-"iżball ġenwin" issemmih fir-rigward tad-diskrepanza fil-klassifikazzjoni tal-HS Code u mhux ukoll fir-rigward tad-diskrepanza fin-numru tal-units tal-ġelati – cioe` 192 flok 2304).

21. L-Artikolu 61[26] tal-Kap 37 (Ordinanza tad-Dwana), kif sostitwit bl-Att XXXVI.1989.3, u kif kien fiż-żmien tal-vertenza (1996), kien jipprovdi hekk:

> *"(1) Jekk fiż-żmien tal-eżami minn uffiċjal tad-dwana xi oġġetti jkunu jinsabu fi kwantita` aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-aġent tiegħu, f'dak il-każ, minkejja dak kollu li jinsab f'xi dispożizzjoni oħra ta' liġi, dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew dawk l-oġġetti differenti għandhom jiġu kkonfiskati u*
>
> > *(a) meta l-valur tal-oġġetti li hekk jinsabu fi kwantita` akbar jew differenti jkun ta' ħames mitt lira maltija jew aktar, dawk l-oġġetti li*

[25] (Lm9853 + Lm718).
[26] Sostitwit bl-Att XXXVI.1989.3

*jkunu ġew hekk konfiskati għandhom jitneħħew b'dak il-mod li l-Ministru responsabbli għad-dwana jista' jistabbilixxi; u*

*(b) meta l-valur tal-oġġetti li hekk jinsabu fi kwantita` akbar jew differenti jkun ta' inqas minn ħames mitt lira maltija, dawk l-oġġetti li jkunu ġew hekk konfiskati għandhom jitneħħew hekk kif il-Kontrollur tad-Dwana jista' jistabbilixxi.*

*Dik il-konfiska tkun bla ħsara għal kull azzjoni li tista' tittieħed kontra l-importatur jew l-aġent tiegħu, jew kontra t-tnejn, skond xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx jgħoddu meta l-awtorita` kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun ġrat minħabba żball ġenwin.*

*(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu "awtorita` kompetenti" tfisser meta l-valur tal-oġġetti li jinsabu fi kwantita akbar jew differenti minn dak li jidher fuq il-fattura tal-esportatur jew li jiġi dikjarat mill-importatur jew mill-aġent tiegħu*

*(a) ikun ta' ħames mitt lira Maltija jew iktar, il-Ministru responsabbli għad-Dwana;*

*(b) ikun anqas minn ħames mitt lira Maltija, il-Kontrollur tad-Dwana."*

Permezz tal-Att XII.2001.7 imbagħad żdiedu is-segwenti subartikoli mal-Artikolu 61:

*"(4) Meta sabiex jiġi stabbilit jekk xi oġġetti humhiex differenti minn dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-fornitur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-aġent tiegħu, tkun tinħtieġ li ssir xi analiżi xjentifika jew perizja teknika, il-konklużjonijiet milħuqa mid-Dwana dwar ix-xorta, il-kontenut jew karatteristiċi oħra tal-oġġetti jistgħu jiġu biss kontestati f'xi proċedimenti jekk jintwera illi dawk il-konklużjonijiet huma tali li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet tasal għalihom.*

*(5) (a). Minkejja kull dispożizzjoni li hemm f'dan l-artikolu, il-Kontrollur jista' jagħżel li jagħti lura l-oġġetti kkonfiskati lill-importatur meta dan jaqbel li jħallas dak id-depożitu jew dawk id-depożiti lil, u kif ikun determinat mill-Kontrollur, sakemm il-Kontrollur jikkalkula l-prezz attwali li jrid iħallas l-importatur għall-oġġetti u f'dan il-każ il-prezz li jrid jitħallas għal dawn l-oġġetti ma jistax jaqbeż is-somma totali depożitata mill-importatur.*

*(b). Kull meta xi każ ikun trattat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, id-deċiżjoni tal-Kontrollur dwar il-prezz li jkun irid jitħallas għall-oġġetti tkun finali u konklussiva."*

22. Għalkemm dawn is-subartikoli daħlu fis-seħħ fl-2001, jidher li l-Kontrollur xorta kien jagħti l-oġġetti konfiskati lill-importatur meta dan tal-aħħar jħallas id-depożitu jew depożiti li jitlob il-Kontrollur. Fil-fatt fil-każ "Calbian Co Ltd vs Kontrollur tad-Dwana, (1785/98) deċiża mill-

Qorti tal-Appell Superjuri fis-27 ta' Jannar 2006, l-istess Qorti tal-Appell osservat li:

> "*huwa car li qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-2001, l-Artikolu 61 ma kienx jikkontempla r-rilaxx tal-merkanzija versu l-hlas ta' depozitu u din kienet biss prassi li addotta d-Dipartiment*."

23. Inċidentalment dan il-każ fih ċirkostanzi pjuttost simili għal dak tal-lum. Hekk per eżempju dwar it-talba tas-soċjeta` importatriċi Calbian Co Ltd li jiġi dikjarat li l-iżball fid-dokumenti kien riżultat ta' "żball ġenwin", il-Qorti tal-Appell irriteniet li din ma setgħetx tintlaqa':

> *"…ghax huwa evidenti minn dak hawn fuq riportat[27] li l-kwistjoni tal-genwinita` o meno, ossia ta' zball genwin, riferibbilment ghad-diskrepanzi ta' dak li jkun gie dikjarat, hija mhollija esklussivament fid-diskrezzjoni ta' l-"awtorita` kompetenti", u fic-citazzjoni attrici ma hemm ebda allegazzjoni li tali diskrezzjoni giet b'xi mod uzata mill-imsemmija awtorita` b'mod abbuziv."*

24. Hekk ukoll fil-każ odjern, is-soċjeta` attriċi imkien fiċ-ċitazzjoni ma allegat li d-deskrizzjoni tal-"awtorita` kompetenti" ġiet użata abbużivament.

25. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-pagament ta' depożitu ulterjuri sabiex jiġu rilaxxati l-oġġetti (cioe` il-pagament ta' depożitu ieħor fl-istess ammont ta' dak imħallas bħala levy jew dazju jew ETI fuq il-merkanzija mhux iddikjarata jew iddikjarata ħażin), jammontax għal ftehim mal-Kontrollur li jista' jżomm kwalsiasi ammont minnu in in linea ta' multa. (F'dak il-każ il-Kontrollur kien impona multa ta' 50%). Il-Qorti tal-Appell osservat hekk:

> *"Ma jistax jigi kkontestat li mill-provi rrizulta li s-socjeta` appellanti ftehmet ma' l-appellat li tiddepozita s-somma mitluba minnu sabiex tkun tista' tottjeni r-rilaxx tal-merkanzija. Min-naha l-ohra pero` ma jidhirx li f'dak l-istadju kien intlahaq ftehim li l-appellat izomm nofs id-depozitu sabiex tinghalaq il-vertenza. Dan jirrizulta mill-ittra li ntbaghtet mill-appellat lis-socjeta` appellanti u li hija ezebita a fol. 20 tal-process. Din l-ittra, li ggib id-data tas-16 ta' Dicembru 1997, fiha proposta lill-appellant dwar kif setghet tigi rizolta bonarjament il-kwistjoni: tant hu hekk li fiha jinghad: "Please note that case may be settled against the payment……..". Fl-istess ittra naqraw li l-appellant gie mitlub biex imur fl-ufficcju tad-Dwana u jiehu xi dokumenti mieghu, "in order to settle the matter". Kliem li jindika li sa dak il-mument kien ghadu ma ntlahaq l-ebda ftehim ma' l-appellant dwar il-hlas dovut lill-appellat. Fil-fatt l-appellant kien wiegeb ghal din l-ittra permezz ta' l-avukat tieghu u oggezzjona li jhallas xi ammont in eccess tad-dazju (fol. 59 tal-process). Jidher ghalhekk li l-offerta li ghamel l-appellat ma gietx milqugha min-naha ta' l-appellant u f'dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jidhirx li jista' jikkonkludi li ntlahaq ftehim bejn il-kontendenti kif sostna l-appellat fl-ittra tieghu tat-3 ta' Frar 1998 (fol. 60)."*

[27] Hawnhekk kienet qed tirreferi għall-Artikolu 61 tal-Kap 37.

26. Hekk ukoll f'dan il-każ il-Kontrollur tad-Dwana kien fl-ittra tas-6 ta' Marzu 1997 insista mas-soċjeta` attriċi li hija tmur fl-uffiċċju tad-Dwana bid-dokumenti "*in order to settle the matter*" u f'dan il-każ ukoll wieġbet tramite d-difensur tagħha, fejn qaltlu li xtaqet li l-kwistjoni tibqa' "*pending until we had the occasion to discuss it once again wih a view towards settling it definitively."* Fl-ittra datata 14 ta' Mejju, 1996[28] l-attriċi kienet għamlitha ċar daqs il-kristall li d-depożitu fir-rigward tal-multa kien ser jintalab lura, "*as we feel that in the circumstances of a genuine error having been committed in the entry documents, no such fine is due from us*". Mhemmx provi li l-kontendenti kkonkludew transazzjoni. Dan hu evidenti wkoll mill-affidavit ta' Mario Gatt.[29] Għaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut li l-kwistjoni kienet ġiet tranżatta. Ir-riferenza li għamel il-konvenut għall-ittra datata 6 ta' Marzu, 1997 ma tgħinux għaliex mhemmx prova li wara dakinhar il-kontendenti waslu fi ftehim bonarju. Tant hu hekk li ftit xhur wara l-attriċi ppreżentat il-kawża.

27. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell osservat:-

> *"Gialadarba ma rrizultax li kien intlehaq ftehim bejn is-socjeta` appellanti u l-appellat sabiex tinghalaq il-vertenza, il-Kontrollur tad-Dwana seta' liberament jipprocedi kontra l-importatur skond il-provvedimenti tal-Kap. 37 li jikkontemplaw it-tehid ta' proceduri kriminali kontra l-importatur u li bhala piena tikkontempla wkoll il-hlas ta' dazju addizzjonali. Proceduri li ma jirrizultax li ttiehdu mill-appellat ghaliex ikkunsidra li kellu d-dritt li jzomm id-depozitu mhallas mill-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellat agixxa skorretement meta qabad u infligga penali ta' 50% fuq l-ammont iddepozitat mieghu mis-socjeta` appellanti.*
>
> *Min-naha l-ohra fic-citazzjoni is-socjeta` appellanti ssostni li l-hlas lill-Kontrollur tad-Dwana sar indebitament ghaliex dak li gara kien minhabba zball genwin li ha l-agent taghha u l-agir taghha ma kien jaghti lok ghal ebda imposizzjoni ta' hlas ta' multa. Din hija materja li kellha tigi trattata fi proceduri kriminali li setghu jittiehdu kontra l-importatur skond il-provvedimenti ta' l-Ordinanza. Dak kien il-forum adatt sabiex jigi determinat kellix tigi imposta xi multa fuq l-importatur minhabba ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 37, multa li l-appellant isostni li ma kellhiex tapplika ghaliex dan kien kaz ta' zball genwin – kwistjoni din, dwar il-genwinita` ta' l-izball, li, kif rajna, hi rimessa ghad-diskrezzjoni ta' l-"awtorita` kompetenti" ghall-anqas ghall-finijiet ta' l-Artikolu 61 dwar il-konfiska. Li huwa zgur hu li l-Kap. 37 jikkontempla hlas ta' multi f'kaz li l-importatur jinstab hati ta' ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana. Id-depozitu surreferit li thallas mis-socjeta` appellanti sar fuq rikjesta tal-Kontrollur tad-Dwana. Fi kliem iehor, la sar bi "zball genwin" kif tippretendi s-socjeta` appellanti, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellat agixxa skorrettement meta qabad u infligga penali ta' 50% fuq l-ammont iddepositat mieghu mis-socjeta` appellanti (hekk ara l-ewwel talba taghha) u lanqas pero` ma jista' jigi ritenut li s-socjeta` ghamlet l-imsemmi depozitu minn rajha. Bizzejjed jinghad illi li kieku dan id-depozitu ma sarx, il-merkanzija ma kenitx tigi rliaxxjata lill-importatur. Mis-suespost ghalhekk isegwi li s-socjeta` appellanti ma setghetx*

[28] Fol. 144.
[29] Fol. 50.

*tinsisti ghal dikjarazzjoni li dak li ghamlet kien gej minn "zball genwin". Ghall-istess raguni, darba li l-Kontrollur naqas milli jimxi mal-proceduri kif hemm stabbilit fil-ligi tad-dwana, vigenti dakinhar, li r-rikjesta ghal fini ta' depozitu ma kenitx temani mal-ligi, u stabbilit ukoll li ma giet konkluza l-ebda transazzjoni valida dwar id-depozitu bejn il-partijiet, allura necessarjament isegwi li dan l-ammont kwantu ghall-intier tieghu, thallas mis-socjeta` attrici lill-Kontrollur indebitament."*

28. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex taddotta dak ir-raġunament. Għandha raġun l-attriċi li l-liġi tad-Dwana fiż-żmien in kwistjoni ma kienet tagħti ebda jedd lill-konvenut li jimponi multa f'każijiet bħal dak in eżami.

29. Skont l-affidavit ta' Mario Gatt, l-attriċi ħallset is-somma ta' Lm9,835 bħala levy dovuta fuq il-ġelati li individwalment kienu jiżnu inqas minn 150 gramma, u li kienu soġġetti għal rati ta' levy miżjud ta' 3 ċenteżmi iktar. Ħallset ukoll somma oħra ta' Lm9,835 li fi kliem Mario Gatt tħallset, *".... biex jagħmel tajjeb għal xi deċiżjoni li d-Dipartiment jieħu skont Sezzjoni 62 tal-Ordinanza tad-Dwana imħabba din id-dikjarazzjoni żbaljata"*.[30] Effettivament dak id-depożitu kellu jagħmel tajjeb għal xi multa. Ix-xhud kompla:

"*Id-Dipartiment wara li ra l-ispjegazzjoni tal-importatur ikkonsidra li bili dan l-iżball seta' kien ta' dannu sostanzjali għall-Gvern, li kieku dawk l-iżbalji ma ndunawx bihom l-uffiċjali tad-Dwana, u billi din kienet it-tieni darba li dan l-importatur kien għamel dikjarazzjoni ħażina, iddeċieda li F. Busuttil & Sons kellhom iħallsu l-ammont dovuta ta' Lm10,513 u somma addizzjonali ekwivalenti għal 75% tal-ammont dovut. L-importatur ġie mgħarraf b'din id-deċiżjoni fis-6 ta' Marzu, 1997*".

30. It-total ta' Lm10,513 jinkludi fih is-somma ta' Lm678 levy li kellha x'taqsam ma ġelati oħra (ara spjegazzjoni li ta Mario Gatt fl-affidavit a fol. 50). Fil-kawża mhemmx kontestazzjoni dwar il-levy dovuta fuq il-ġelati. L-ilment tal-attriċi hu biss dwar il-multa.

31. Għaldaqstant, il-levy kienet ta' Lm10,513. Kif spjegat l-attriċi għamlet depożitu ta' Lm19,670. B'hekk l-attriċi għandha jedd li tirċievi lura s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija u tletin ewro (€21,330) (Lm9,157).[31]"

5. Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana), li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu, tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Novembru, 2019, fl-ismijiet premessi,

[30] Ara riċevuti a fol. 62-65.
[31] Lm19,670 (total ta' flus li ħallset lid-Dwana bħala levy u depożitu ta' multa) – Lm10,513 (levy żejda dovuta) = Lm9,157.

b'dana illi tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu bis-sħiħ, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` appellata, jew in alternattiva, f'każ illi l-ewwel żewġ aggravji jkunu miċħuda minn din il-Qorti, tilqa' t-tielet aggravju billi tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Novembru, 2019, fl-ismijiet premessi in kwantu għall-imgħax kif dovut.

6. Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi appellata, li permezz tagħha talbet li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell interpost fl-interita` tiegħu u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-18 ta' Novembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

7. Rat li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li qegħdin jistrieħu fuq l-atti.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża tittratta talba għar-rifużjoni tas-somma ta' Lm9,835.20 (ekwivalenti għal €22,909.85), li s-soċjeta` attriċi ssostni li tħallset indebitament lill-Kontrollur tad-Dwana, fuq merkanzija tal-ikel importata minnha, wara żball fil-klassifikazzjoni tal-prodott taħt il-Kodiċi HS, li hija tiddeskrivi bħala wieħed ġenwin. Kwindi hija titlob (i) dikjarazzjoni mill-Qorti li l-iżball kien tabilħaqq wieħed ġenwin; (ii) li l-aġir

tas-soċjeta` attriċi ma jagħti lok għal ebda impożizzjoni ta' multa minkejja l-pretensjoni tal-konvenut u (iii) li l-Kontrollur tad-Dwana jiġi ordnat jirrifondi s-soċjeta` attriċi s-somma ta' Lm9,835.20 (ekwivalenti għal €22,909.85), imħallsa lilu indebitament.

10. Il-Kontrollur tad-Dwana bħala konvenut eċċepixxa li (I) l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita` amministrattiva, iżda l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jagħti l-poter lill-qrati jissindikaw il-validita` tal-egħmil amministrattiv u jekk ikun il-każ jiddikjaraw tali egħmil null, invalidu u bla effett. Hekk ukoll jiġi eċċepit li l-azzjoni attriċi saret tardivament skont l-Artikolu 469A(3) peress li saret wara t-terminu ta' sitt xhur; (II) illi huwa ma esiġix il-ħlas ta' multa, iżda mexa skont il-liġi meta skont l-Artikolu 61 tal-Kap. 37 ikkonfiska l-merkanzija peress li saret dikjarazzjoni żbaljata mis-soċjeta` attriċi; u (III) huwa ppropona li s-soċjeta` attriċi setgħet teħles mill-konfiska billi tasal fi transazzjoni u tħallas il-*levy* dovut, kif ukoll 75% tal-valur; (IV) is-soċjeta` attriċi aċċettat dan il-ftehim u sdoganat il-merkanzija, meta setgħet liberament tirriġetta l-proposta u tikkontesta l-konfiska skont il-liġi.

11. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni limitatament sa fejn jingħad mill-konvenut li taqa' fid-diskrezzjoni tal-konvenut li jiddeċiedi jekk hemmx żball ġenwin; ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet u laqgħet it-talbiet attriċi limitatament kif spjegat minnha u

kkundannat lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ €21,330, bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali, tal-24 ta’ Ġunju, 1997. Spejjeż jinqasmu in kwantu għal 85% a karigu tal-konvenut u 15% a karigu tas-soċjeta` attriċi.

12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali: (i) l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi fiċ-ċirkostanzi fattwali li jsawwru l-każ odjern; (ii) id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti se tirriżulta f’arrikiment indebitu tas-soċjeta` appellata; u (iii) l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex il-konvenut iħallas lis-soċjeta` appellata l-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta’ Ġunju, 1997.

13. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, il-Kontrollur appellant jikkontesta l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi fiċ-ċirkostanzi fattwali li jsawwru l-każ odjern, meta straħet fuq is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Jannar, 2006, fil-kawża fl-ismijiet **Calbian Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana.** Jisħaq li ma setax jikkonsidra l-iżball tas-soċjeta` attriċi appellata bħala wieħed ġenwin, peress li hija naqset milli tieħu l-passi meħtieġa sabiex jiġi evitat dan l-iżball u għalhekk huwa mexa skont il-liġi meta ordna l-konfiska tal-merkanzija in kwistjoni. Jagħmel referenza għall-Artikoli 61 u 63 tal-Kap. 37 kif viġenti fil-mument tal-konfiska u

jispjega li kif kienet il-prassi dak iż-żmien, huwa ppropona lis-soċjeta` attriċi mod kif setgħet tiġi rilaxxata l-merkanzija mingħajr l-involviment ta' ebda proċedura ġudizzjarja. Dan billi l-merkanzija tiġi rilaxxata in kambju għall-ħlas tal-*levy* perikolat flimkien ma' somma li tirrappreżenta likwidazzjoni in parti ta' telfien ta' impost li kien isofri l-Gvern kieku ma kinitx il-viġilanza tal-uffiċjali tad-Dwana. Jinsisti li s-soċjeta` attriċi kienet ben konsapevoli ta' dak li kien qiegħed jiġi propost mid-Dwana, ħallset dak mitlub sabiex tevita l-konfiska, dan meta setgħet ma taċċettax il-proposta tad-Dwana u tikkontesta l-konfiska tal-oġġetti skont l-Artikolu 72(2) tal-Kap. 37. Issa jikkontendi li s-soċjeta` attriċi qiegħda tippretendi li tevita kull konsegwenza għall-aġir tagħha, minkejja li kisret il-liġi doganali, li kien ser jirriżulta f'telf lill-erarju pubbliku. Dan proprju wara li ħadet lura l-merkanzija u ddisponiet minnha kif jaqblilha. Għalkemm ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet għat-transazzjoni tal-kwistjoni (peress li l-Kap.37 ma jimponi ebda obbligu li jsir dan) il-merkanzija ġiet rilaxxata u meħuda lura mis-soċjeta` attriċi in kambju għall-ħlas mitlub mid-Dwana. Imkien ma jissemma fl-Artikolu 63 li l-ftehim jew transazzjoni trid tkun bil-miktub, taħt piena ta' nullita` (u dan kuntrarjament għal dak li hemm provdut fl-istess liġi per eżempju taħt l-Artikolu 63A). Għalhekk l-appellant jikkontendi li ma jaqbilx mal-konklużjoni li adottat l-ewwel Qorti li ma jistax jingħad li ntlaħaq ftehim, bħal ma ngħad fis-sentenza ta' **Calbian Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana**, hawn qabel ċitata, u dan għar-raġuni li kieku ma kienx hemm

ftehim, il-merkanzija kkonfiskata ma kellhiex tiġi aċċettata lura mis-soċjeta` attriċi, iżda kellha tikkontesta l-konfiska permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-ewwel Qorti kellha żżomm quddiem għajnejha l-kuntest legali, fattwali u l-politika nterna, kif kienet imħaddma mid-Dipartiment tad-Dwana lura fl-1996. Bl-akkoljiment tat-talbiet attriċi, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tagħti lok għall-impunita`, in kwantu l-appellata ġiet assolta minn kull responsabbilta` għad-dikjarazzjoni skorretta li għamlet, li jista' jagħti lok għal abbużi kbar. Jikkontendi li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll fil-kuntest legali u dak fattwali, it-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda, ġaladarba ssottomettiet ruħha għad-diskrezzjoni tal-konvenut sabiex tieħu lura l-merkanzija, liema diskrezzjoni kienet eżerċitata b'mod raġonevoli fid-dawl tal-Artikolu 63, kwindi l-appellata tilfet l-opportunita` li tikkontesta l-konfiska.

14. Għandu jingħad mal-ewwel li, in kwantu l-konvenut appellant jisħaq li huwa eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli, l-ewwel Qorti laqgħet dik il-parti tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, fejn jingħad li kien jispetta lill-konvenut fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu jiddeċiedi jekk kienx hemm żball ġenwin da parti tas-soċjeta` attriċi fid-dikjarazzjoni magħmula minnha u għalhekk ma hemmx diverġenzi fuq dan il-punt. Hekk ukoll, ħadd ma jikkontesta s-setgħa tal-Kontrollur tad-Dwana li jikkonfiska. In kwantu l-konvenut appellant jilmenta minn interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, jiġi nnutat li l-ewwel Qorti f'paragrafu 21 tas-

sentenza ċċitat il-provvediment tal-liġi kif viġenti fl-1996, fiż-żmien tal-vertenza, jiġifieri l-Artikolu 61(1) sa (3). Filwaqt li ċċitat ukoll l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2001, jiġifieri s-subinċiz (4) u (5), irrilevat li minkejja dan jidher li l-Kontrollur tad-Dwana xorta kellu prassi jagħti lura l-merkanzija konfiskata lill-importatur meta dan iħallas id-depożitu jew depożiti li jitlob il-Kontrollur tad-Dwana. Jiġi osservat ukoll li, kien fl-istadju tal-appell li l-Kontrollur appellant għamel referenza għall-Artikolu 63 tal-Kap. 37, (li ser issir referenza għalih aktar 'il quddiem) in kwantu, kemm fil-korrispondenza mibgħuta lis-soċjeta` attriċi (ara Dok. DGD3 a fol. 130), kemm fl-eċċezzjonijiet, kif ukoll fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa kien qiegħed jinvoka biss l-Artikolu 61 tal-Kap. 37.

15. In kwantu għall-fatti kif żvolġew, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rassenja tad-dokumenti hekk kif elenkati mill-ewwel Qorti b'mod kronoloġiku, li jagħtu stampa ċara ta' kif żvolġa l-każ in kwistjoni. Jirriżulta li l-ispezzjoni tal-uffiċjali tad-Dwana meta rriskontraw in-nuqqas fid-dikjarazzjoni tas-soċjeta` attriċi saret fl-14 ta' Mejju, 1996 (ara affidavit ta' Mario Gatt a fol. 50). Filwaqt li dakinhar stess, jirriżulta minn ittra maħruġa mis-soċjeta` attriċi (li għalkemm mhux iffirmata, indubjament waslet għand il-konvenut in kwantu ġiet esebita minnu stess - ara Dok. DGD12 a fol. 144) fejn *a tempo vergine* jingħad minnha li nħarġu erba' ċekkijiet, tnejn rappreżentanti "*post entries*" u tnejn rappreżentanti "*possible fines*". Fil-fatt fis-17 ta' Mejju, 1996, inħarġu mill-konvenut żewġ

irċevuti rappreżentanti l-*levy* (ara Dok. MG6 a fol. 62 u Dok. MG7 a fol. 63), kif ukoll żewġ irċevuti rappreżentanti *possible fine* (ara Dok. MG 8 a fol.64 u Dok. MG9 a fol. 65 hekk kif spjegat mill-istess Mario Gatt). Mentri fl-ittra tad-Dwana tal-1 ta' Awwissu, 1996 (ara dokument a fol. 134) jingħad "*Reference is made to the release of the consignments...".*

16. Isegwi li l-ewwel Qorti kellha raġun meta qalet li minkejja li s-subinċiż (5) tal-Artikolu 61 daħal fis-seħħ fl-2001, il-Kontrollur tad-Dwana kien adotta prattika fejn l-oġġetti konfiskati jiġu rilaxxati wara li l-importatur ikun ħallas id-depożitu mitlub mill-Kontrollur. Wara kollox, kien permezz tal-ittra datata 6 ta' Marzu, 1997, li saret il-proposta mill-Kontrollur appellant li jsir "*payment of levy Lm10,553 due plus an additional 75% in terms of Section 61 of Customs Ordinance"* u dan bil-għan li "*case may be settled".* Isegwi li f'dan il-każ l-ewwel saret il-konfiska, imbagħad il-ħlas tad-depożitu sabiex il-merkanzija ġiet rilaxxata u ferm wara bdiet għaddejja l-korrispondenza bil-proposta ta' ftehim. Ir-rilaxx ta' merkanzija konfiskata wara ħlas ta' depożitu kienet fil-fatt prassi aċċettata u din il-prassi kienet tagħmel sens konsidrat li ċertu merkanzija li tiġi kunsmata bħall-każ odjern, biż-żmien tispiċċa (*perishable*). Għall-istess raġuni, ma jagħmilx sens l-argument tal-konvenut appellant li s-soċjeta` attriċi appellata setgħet tikkontesta l-konfiska tal-oġġetti skont l-Artikolu 72(2) tal-Kap. 37, peress li sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri bil-Qorti l-merkanzija

tispiċċa rovinata. Dan meta mill-provi tirriżulta prassi fejn l-importaturi kienu jħallsu d-depożitu u jkollhom il-merkanzija rilaxxata fi żmien qasir.

17. Dan iwassal għall-provvediment tal-Artikolu 63 tal-Kap. 37 li fih jingħad:

> *"63. B'dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza, fil-każ ta' xi irregolarità ta' importanza zgħira li jekk ma tinqabadx, ikun hemm telf ta' dazju tad-dwana iżda ma tkunx tidher li saret b'qerq, il-Kontrollur jista' bi ftehim ma' l-importatur, jimponi penali li tkun daqs id-dazju li seta' ntilef minflok proċedimenti f'qorti."* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

Kwindi, għalkemm f'dan il-każ il-Kontrollur konvenut aċċetta d-depożitu sħiħ daqs id-dazju li seta' ntilef, sabiex il-merkanzija tkun tista' tiġi rilaxxata, din ma kinitx deċiżjoni meħuda a tenur tal-Artikolu 63, kif jingħad mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Fil-fatt mix-xhieda bl-affidavit ta' Mario Gatt jirriżulta spjegat ċar li: "*Biex dawn il-ġelati setgħu ġew rilaxxati l-importatur aċċetta li jagħmel depositu ta' Lm9,835 għal-levy dovut...u depositu ta' ammont ekwivalenti ... biex jagħmel tajjeb għal xi deċiżjoni li d-Dipartiment jieħu skont Sezzjoni 61 ta' l-Ordinanza tad-Dwana imħabba d-dikjarazzjoni żbaljata."* Kwindi meta sar ir-rilaxx kontra l-ħlas ta' depożitu ċertament ma jistax jingħad li kien hemm xi ftehim mas-soċjeta` attriċi. Tant hu hekk li, skont l-ittra maħruġa mis-soċjeta` attriċi appellata fl-14 ta' Mejju, 1996, relattivament għall-ħlas (fol. 144) ingħad minnha:

> *"Please be advised that we shall be reclaiming the said amounts pertaining to the "possible fines", as we feel that in the circumstances of a genuine error having been committed in the entry documents, no such fine is due from us."*

18. Effettivament, kif jingħad mill-istess Mario Gatt, il-Kontrollur tad-Dwana, wara li qies l-ispjegazzjoni tal-importatur li dan kien żball, iddeċieda li s-somma addizzjonali bħala penali kellha tkun ta' 75% tal-ammont dovut (ara rakkomandazzjoni datata 27 ta' Jannar, 1997 esebita bħala Dok. DGD5 a fol. 132). Id-deċiżjoni jew proposta lis-soċjeta` attriċi appellata sabiex jintlaħaq ftehim saret fis-6 ta' Marzu, 1997 (ara Dok. DGD3 a fol. 130). Għalhekk jista' jingħad li l-ftehim kontemplat fl-Artikolu 63 qatt ma ntlaħaq, kif jirriżulta mill-korrispondenza li segwiet bejn il-kontendenti fil-kawża, sakemm fil-fatt saru l-proċeduri odjerni. Huwa minnu li l-Artikolu 63 ma jeħtiġx ftehim bil-miktub (a kuntrarju tal-Artikolu 63A), iżda dan mhuwiex il-punt in kontestazzjoni. Il-qofol tal-kwistjoni huwa li qatt ma ntlaħaq ftehim mas-soċjeta` attriċi appellata, la bil-miktub u lanqas mod ieħor. Għalkemm l-ewwel Qorti ma daħlitx fl-analiżi tal-Artikolu 63 (ġustament peress li sa dak l-istadju ħadd mill-partijiet m'għamel referenza għalih), hija straħet fuq is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Calbian Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana,** li kellu ċ-ċirkostanzi tal-każ tassew jixxiebħu ma' dak odjern. F'dik is-sentenza fost affarijiet oħra, daħlet *funditus* kemm dwar l-Artikolu 61, kif ukoll fl-Artikolu 63 tal-Kap. 37 u waslet għall-istess konklużjoni bħal dik appena mfissra.

19. Isegwi li l-ewwel Qorti ġustament iddeċidiet il-każ skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u fil-kuntest legali viġenti fiż-żmien tal-konfiska. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenut appellant, is-soċjeta` attriċi appellata qatt ma ssottomettiet ruħha għad-diskrezzjoni tiegħu, peress li hija mal-ewwel għamlitha ċara li hija kienet qiegħda tħallas il-penali taħt protesta *stante* li ma qiesitx li tali penali kienet fiċ-ċirkostanzi xierqa. Kwindi għalkemm is-soċjeta` attriċi appellata f'Mejju 1996 wettqet id-depożitu sabiex tottjeni r-rilaxx tal-merkanzija, f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda ftehim li l-Kontrollur iżomm 75% tad-depożitu, sabiex tingħalaq il-kwistjoni bejn il-kontendenti fil-kawża, tant hu hekk li din il-proposta saret f'Marzu 1997, liema proposta qatt ma ġiet aċċettata mis-soċjeta` attriċi appellata. Relevanti f'dan il-kuntest huwa l-paragrafu 27 tas-sentenza tal-ewwel Qorti, fejn saret referenza estensiva għas-sentenza hawn qabel ċitata li ttrattat ulterjorment in-natura tad-depożitu magħmul mill-importatur, fejn hemm ukoll ġie spjegat li dak il-ħlas sar indebitament, konklużjoni li din il-Qorti taqbel magħha fis-sħiħ. Isegwi li l-ilment tas-soċjeta` attriċi jirriżulta ġustifikat u l-ewwel aggravju tal-Kontrollur appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

20. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jilmenta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti ser twassal għal arrikiment inġust da parti tas-soċjeta` appellata, ġaladarba hija ngħatat lura l-merkanzija konfiskata, bir-riżultat li ddisponiet mill-merkanzija liberament u b'hekk

ġiet ikkumpensata għal dak li ħallset. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza dwar l-istitut ta' *indebiti solutio* in sostenn tal-aggravju tiegħu.

21. Għandu jingħad li l-azzjoni tal-*indebiti solutio* hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentament jew bi żball ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li mingħandu jkun irċeviha bla jedd (Artikolu 1021 tal-Kodiċi Ċivili). Inoltre, kull min billi jaħseb, bi żball, li hu debitur iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur (Artikolu 1022(1) tal-Kodiċi Ċivili). Huwa ritenut li l-elementi li jridu jigu ppruvati biex tirnexxi azzjoni ta' ħlas indebitu huma dawk imfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Mejju 2001, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Camilleri v. Silvio Mifsud et,** fejn jinsab ritenut illi:

> "*L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'success l-obbligu li jipprova t-tlett elementi tal-azzjoni. Dawn huma:-*
>
> *(a) Illi huwa hallas l-ammont minnu reklamat.*
> *(b) Li dak li hallas ma kienx minnu dovut lil min hallsu.*
> *(c) Li kien hekk hallas minhabba zball."*

Huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-liġi tagħti l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq, imma wkoll meta, għalkemm xi ħlas kien mistħoqq, tħallas iżjed minn kemm kien mistħoqq, u jekk jiġri hekk, min iħallas jista' jfittex għar-radd taż-żejjed imħallas. Biex ir-radd tal-ħlas mhux mistħoqq jista' jintalab bil-jedd

jeħtieġ li dan il-ħlas ikun sar bi żball u dana l-iżball ikun *di fatto*. (Kollez.Vol. XXIX.pt.II p.453).

22. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, ċertament l-argument tal-Kontrollur appellant tal-*indebiti solutio* jfalli, peress li huwa ma ħallas xejn. Iżda mhux l-istess jista' jingħad għas-soċjeta` attriċi appellata meta hija ħallset mhux biss il-*levy* dovuta, iżda ħallset ukoll id-depożitu sabiex il-merkanzija tiġi rilaxxata. Importanti ssir distinzjoni bejn il-*levy* imħallsa u d-depożitu mħallas. L-istess konvenut appellant għamel din id-distinzjoni meta ħareġ l-irċevuti ta' ħlas magħmul mis-soċjeta` attriċi. Filwaqt li ma hemmx kontestazzjoni li l-*levy* kienet u baqgħet dovuta, il-ħlas tad-depożitu bħala penali kien suġġett tal-kontestazzjoni f'dawn il-proċeduri. Din id-distinzjoni tirriżulta wkoll mill-kalkoli dettaljati tal-ewwel Qorti, fejn jingħad minnha li filwaqt li s-soċjeta` attriċi ħallset total ta' Lm19,670 u l-*levy* dovuta kienet ta' Lm10,513, hija ordnat lill-konvenut jirrifondi d-depożitu mħallas fl-ammont ta' Lm9,157. Isegwi li l-argument tal-konvenut appellant ma jreġix in kwantu, meta s-soċjeta` appellata ngħatat lura l-merkanzija konfiskata u ddisponiet mill-merkanzija fis-suq, hija ġabret lura l-*levy* imħallas minnha u mhux id-depożitu mħallas taħt protesta, li permezz tas-sentenza appellata ġie stabbilit li ma kienx dovut. Ġaladarba d-depożitu ma kienx dovut lill-Kontrollur appellant, ma jeżistix każ ta' *indebiti solutio* fejn huwa għandu jiġi re-integrat fil-pożizzjoni ta' qabel l-iżball, iżda hija s-soċjeta` attriċi appellata li għandha tiġi re-

integrata fil-pożizzjoni tagħha qabel ma ħallset id-depożitu, hekk kif permezz tal-proċeduri odjerni ġie stabbilit li ma kienx dovut u għalhekk għandu jintradd lura dak iż-żejjed li kien imħallas minnha. Għalhekk it-tieni aggravju tal-konvenut appellant ukoll ma jirriżultax bħala wieħed mistħoqq.

23. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jikkontesta l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi appellata l-imgħax sa mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ġunju, 1997. Jirrileva li fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' **Calbian Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana,** ġie deċiż li l-imgħax kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. Dan apparti li jilmenta li l-kawża odjerna ilha għaddejja għal aktar minn għoxrin sena meta d-dewmien kien unikament attribwibbli lis-soċjeta` attriċi minħabba li kaxkret saqajha tul il-proċeduri, tant li l-kawża ġiet mibgħuta *sine die* għal darbtejn minħabba n-nuqqas ta' interess li wriet fil-kawża. Kwindi jsostni li jkun inġust li minħabba n-nuqqas ta' interess fil-kawża da parti tas-soċjeta` attriċi appellata, hu jiġi mġiegħel iħallas imgħax ta' aktar minn tnejn u għoxrin sena fuq l-ammont ta' €21,330, meta huwa ma kienx jaħti għal dan id-dewmien. Dan ser isarraf f'inġustizzja miegħu u f'arrikiment inġust favur is-soċjeta` attriċi.

24. Jibda billi jingħad li mis-sentenza ċitata mill-appellant ma jirriżultax li saret talba għall-imgħax kif sar f'dan il-każ, kwindi l-paragun ma jreġix.

Dan apparti li kull każ irid jiġi determinat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Għalkemm id-dewmien fid-determinazzjoni ta' din il-kawża huwa wieħed evidenti, jinħass xieraq jiġi osservat li, lil hinn mir-raġuni għad-dewmien, il-partijiet fil-kawża ħadu tnejn u għoxrin sena sabiex iressqu l-provi tagħhom. Kuntrarjament għall-impressjoni li jagħti l-konvenut appellant, kien hemm diversi seduti fejn ma tressqux provi da parti tal-istess konvenut u għalhekk kellhom jingħataw diversi differimenti. Jitqies li din il-materja ma taqax fil-mertu ta' din il-kawża u jekk ikun il-każ, għandha tkun suġġett ta' analiżi separata. Fi kwalunkwe każ, għandu jingħad li f'din il-kawża s-soċjeta` attriċi appellata, bħala entita` kummerċjali, talbet il-ħlas tal-imgħax mid-data li sar id-depożitu, iżda huwa ritenut li l-ewwel Qorti diġa` għamlet temperament fil-kap tal-imgħax meta akkordat l-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali. Dan meta l-prinċipju huwa li l-imgħaxijiet fuq dejn kummerċjali jibda jgħaddi *ipso jure* (Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili), filwaqt li l-imgħaxijiet fuq dejn ċivili għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b`att ġudizzjarju (Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili). Kwindi magħmula l-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni valida li tvarja dak deċiż mill-ewwel Qorti.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenut appellant, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata

tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Novembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż in prim'istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kollha mill-appellant Kontrollur tad-Dwana.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm